MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 391/2014

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**Vs**

**Christabel GRIMA [ID. Nru. 569190M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-16 ta' Gunju, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elf tmien mija u tlieta u erbghin euro u erbgha u disghin ċenteżmi ta' euro [€1,843.94c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' elf, tmin mija u tlieta u erbghin ewro u erbgha u disghin ċenteżmi (€1843.94) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50986030 moghtija mis-

socjeta attriċi skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-registru elettorali u Dok IZY4 – kopja ta' ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet nterpellata sabiex thallas iżda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata fil-5 ta' Lulju, 2014 u li fis-seduta miżmuma llum quddiem it-Tribunal, l-intimata dehret u ammettiet li hija ghandha taghti l-ammont reklamat. L-intimata stqarret ukoll li hija ma tahdimx u li fil-prezent tghix bil-beneficcji soċjali u ghalhekk ma hiex f'posizzjoni li thallas l-ammont dovut.

Illi in vista ta' l-ammissjoni ta' l-intimata t-Tribunal ghadda biex iddeċieda l-kawza.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta’ elf tmien mija u tlieta u erbghin euro u erbgha u disghin ċenteżmi ta’ euro [€1,843.94c] in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50986030.

Ikkunsidra;

2. L-intimata ammettiet li hija ghandha taghti l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti iżda hija ma kienitx f’qaghda finanzjarja sabiex thallas dan l-ammont peress li fil-prezent tghix bil-beneficcji socjali.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi in vista ta’ l-ammissjoni ta’ l-intimata maghmula quddiem it-Tribunal llum stess, t-Tribunal ma ghandux alternattiva ohra hlief li jiddikjara li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u jisthoqqilha li tiġi milqugha.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elf tmien mija u tlieta u erbghin euro u erbgha u disghin ċenteżmi ta’ euro [€1,843.94c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mill-25 ta’ Novembru, 2013 data ta’ l-ittra uffiċjali (fol. 8) sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali ppreżentata fil-25 ta’ Novembru, 2013, huma a kariku tal-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------